MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Rikors Kongunt Numru. 382/2012

**Rikors Kongunt ta’ T E**
**u D R**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettew u talbu hekk:

Illi l-partijiet izzewwgu fl-20 ta’ Gunju 1992, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’ kuntratt redatt minn Nutar Dottor Elena R ppubblikat fit-8 ta’ Jannar 1993;

Illi m’ hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ma hemm ebda kwistjoni dwar il-manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu umilment jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti (i) joghgobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta’ bejn T R u D R u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai termini tal-Artikoli 66A et seq tal-Kodici Civili, (ii) tawtorizza u tordna illi r-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha ‘Schembri’ (iii) u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u jinsabu sodisfatti l-kondizzjonijiet tad-dispozizzjoni tal-ligi fuq citata; ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti; fis-sens illi tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet u tawtorizza lir-rikorrenti T R tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe’ Schembri. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------